

Brussell, 17 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7209/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0423 (COD)

---

---

CODEC 418  
CLIMA 135  
ENV 227  
TRANS 143  
MI 231  
PE 37

## NOTA TA' INFORMAZZJONI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tal-kalkolu tal-krediti tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029  
- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew  
(Strażburgu, mid-9 sat-12 ta' Marzu 2026)

---

## I. INTRODUEZZJONI

Fit-18 ta' Frar 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat<sup>1</sup> għall-Presidenza għal negozjati mal-Parlament Ewropew f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi, bil-ħsieb li jintlaħaq malajr qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew fuq dik il-bażi.

---

<sup>1</sup> 6510/26.

Wara li l-plenarja tal-Parlament Ewropew approvat it-talba mill-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) biex jipproċedi skont ir-Regola 170 (Proċedura urġenti) fl-10 ta' Marzu 2026, il-Kumitat ENVI ppropona li jadotta mingħajr emendi l-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Barra minn hekk, il-grupp politiku tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea ressaq ħames emendi (l-emendi 1 sa 5) u l-grupp politiku The Left ressaq emenda waħda (l-emenda 6).

## II. VOTAZZJONI

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2026 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni u rrifjuta l-emendi kollha mressqa. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument, u b'hekk jingħalaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet\*.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

---

\* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

**P10\_TA(2026)0084**

**Il-kalkolu tal-kreditu tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tal-kalkolu tal-kreditu tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029 (COM(2025)0784 – C10-0351/2025 – 2025/0423(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0784),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0351/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
- wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 170 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P10\_TC1-COD(2025)0423**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-12 ta' Marzu 2026 bil-  
ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tal-kalkolu tal-krediti tal-  
emissjonijiet għall-vetturi tqal għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-  
Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>2</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2026.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> jistabbilixxi l-miri tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal ġodda. Dawk il-miri jiffurmaw parti ewlenija mill-qafas tal-Unjoni biex sal-2030 jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 u biex tintlaħaq in-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2019/1242 jistabbilixxi miri progressivament aktar stretti għat-naqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-manifatturi. Dawk il-miri jipprovdu ċertezza u prevedibbiltà fit-tul għall-investituri tul il-katina tal-valur, filwaqt li jippermettu biżżejjed żmien ta' tħejjija għal tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. Għalhekk huwa essenzjali li l-livell tal-miri għat-naqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 jibqa' l-istess.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj>).

- (3) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-miri applikabbli mill-2030 'il quddiem u fid-dawl tad-dewmien fil-varar tal-infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar tul l-awtostradi għall-vetturi tqal, jenħtieġ li manifatturi jkunu jistgħu jiġġeneraw aktar krediti tal-emissjonijiet qabel dik is-sena, li jista' jinċentiva wkoll il-varar aktar bikri tal-vetturi tqal b'emissjonijiet żero.
- (4) Matul il-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029 biss, jenħtieġ li l-manifatturi jiġbru l-krediti tal-emissjonijiet jekk l-emissjonijiet speċifiċi tagħhom tas-CO<sub>2</sub> ikunu taħt il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> aktar milli taħt it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>.
- (5) Peress li l-varar tax-xarabanks urbani b'emissjonijiet żero huwa diġà avanzat u l-użu tagħhom mhuwiex affettwat b'mod negattiv minn nuqqas possibbli ta' infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar tul l-awtostradi, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għax-xarabanks urbani.

- (6) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament biex il-manifatturi tal-vetturi jiġu pprovduti flessibbiltà addizzjonali għall-konformità tagħhom, filwaqt li jinżamm il-livell ta' ambizzjoni tal-miri għat-tnaqqis tas-CO<sub>2</sub>, ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1242 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/1242 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 7(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) id-differenza bejn it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> kif imsemmi fil-paragrafu 2 għall-perjodu ta' rapportar tas-sena 2025 u l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO<sub>2</sub> ta' dak il-manifattur għall-perjodi ta' rapportar tas-snin 2025 sa 2029 u d-differenza bejn it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-perjodi ta' rapportar ta' snin għajr 2025 sa 2029 u l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO<sub>2</sub> ta' dak il-manifattur għall-istess perjodu ta' rapportar, jekk dik id-differenza tkun pożittiva ("il-krediti tal-emissjonijiet"); jew";

(2) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

ANNEX

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) it-tabella fil-punt 5.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"

	$2019 \leq Y < 2025$	$2025 \leq Y < 2030$	$2030 \leq Y < 2040$
$cCO_2(NO)_Y$	$[ET(2025)_Y - CO_2(2025)_Y] \times V_Y$	$[ET2025(NO)_Y - CO_2(NO)_Y] \times V_Y$	$[ET(NO)_Y - CO_2(NO)_Y] \times V_Y$
$dCO_2(NO)_Y$	0	$[CO_2(2025)_Y - T(2025)_Y] \times V_Y$	$[CO_2(NO)_Y - T(NO)_Y] \times V_Y$
$cCO_2(M)_Y$	0	$[ET2025(M)_Y - CO_2(M)_Y] \times V_Y$	$[ET(M)_Y - CO_2(M)_Y] \times V_Y$
$dCO_2(M)_Y$	0	0	$[CO_2(M)_Y - T(M)_Y] \times V_Y$

";

(2) fil-punt 5.2, jiżdied dan li ġej:

"Fejn  $ET2025(NO)_Y$  u  $ET2025(M)_Y$  huma definiti kif ġej:

$$ET2025(NO)_Y = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times ET_{sg,2025}$$

$$ET2025(MCO_2)_Y = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times [(1 - pv_{sg}) \times ET_{sg,2025} + pv_{sg} \times ETp_{sg,2025}]$$

$$ET2025(M)_Y = ET2025(MCO_2)_Y + ET(MZE)_Y$$

".